

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Dwar Il-fallimenti U L-insolvenza](#) > [Germany](#)

## Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn  
Ġermanja

Ġermanja



Din il-paġna tipprovdilek ħarsa ġenerali tar-reġistru tal-insolvenza Ġermaniż.

### Ir-reġistru tal-insolvenza Ġermaniż

Ir-reġistru tal-insolvenza Ġermaniż jagħtik aċċess għad-dikjarazzjonijiet tal-insolvenza (Insolvenz bekanntmachungen) maħruġa mill-qradi kollha tal-insolvenza Ġermaniżi, skont il-§ 9 tal-Kodiċi tal-Insolvenza (Insolvenzordnung). Din l-informazzjoni torbot legalment u hija aċċessibbli għall-pubbliku.

Ir-reġistru huwa proprjetà tal-Gvern Federali/Kummissjoni Länder dwar it-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni fis-Sistema tal-Ġustizzja u ġestit minnha, rappreżentata mill-Ministeru tal-Ġustizzja tat-territorju tar-Rhine Westphalia ta' Fuq.

### L-aċċess għar-reġistru tal-insolvenza tal-Ġermanja huwa bla ħlas?

Iva.

### Kif tfittex fir-reġistru tal-insolvenza Ġermaniż

Ir-reġistru tal-insolvenza jinsab biss fil-website tar-reġistru tal-insolvenza Ġermaniż. Fejn meħtieġ, fil-website hemm l-istruzzjonijiet dwar kif tfittex. L-informazzjoni hija bil-Ġermaniż biss. Għandu jiġi nnutat li tiftixa sħiħa fid-data tal-qradi kollha Ġermaniżi tal-insolvenza hija possibbli biss fi żmien l-ewwel ġimagħtejn mill-ewwel jum tal-pubblikazzjoni. Wara dan iż-żmien ikollok tfittex il-post fejn tinsab il-qorti tal-insolvenza u mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: l-isem tal-persuna jew ditta; l-uffiċċju reġistrat tad-debitur (Sitz) jew ir-residenza abitwali (Wohnsitz); in-numru tal-każ, jew il-qorti tar-reġistrazzjoni, it-tip ta' reġistru u n-numru tar-reġistrazzjoni.

### tar-reġistru tal-insolvenza fil-Ġermanja

Il-website tar-reġistru tal-insolvenza ilha mill-1 ta' April 2002 tipprovdni informazzjoni dwar l-insolvenzi. Informazzjoni dettaljata dwar il-perjodi koperti u l-proċedimenti li dwarhom teżisti id-data jistgħu jinstabu fil-website.

L-informazzjoni hija dwar każijiet fejn il-proċedura tal-insolvenza għadha mhijjex lesta. Id-data titfassar sa sitt xhur wara l-finalizzazzjoni tal-proċedura.

### Links relatati

[Ir-reġistru tal-insolvenza Ġermaniż](#)

L-aħħar aġġornament: 05/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.